# QORTI TAL-APPELL
# (Sede Inferjuri)

## Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri
## B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

## Appell numru: 252/2016/1
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bil-Avviz numru: 252/16 FDP datata 4 ta' Ottubru, 2018**

## GO p.l.c (C 22334)

## vs.

## Dolphin Industrial Services Limited (C 28232)

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell intavolat mis-socjeta' intimata minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Sede Inferjuri datata 4 ta' Ottubru, 2018. Il-fatti tal-appell odjern huma s-segwenti:

   i. Is-socjeta' appellata GO p.l.c (C 22334) ipprovdiet ghal diversi snin servizzi elettronici ta' kommunikazzjoni lis-socjeta' appellanta Dolphin Industrial Services Ltd (C 28232);

   ii. Is-socjeta' appellata tallega li hija kreditrici tas-socjeta' appellanta Dolphin Industrial Services Ltd (C 28232) fl-ammont ta' disat elef, erbgha u tletin ewro u tnejn u tmenin

centezmu (€9,034.82) li jirrapprezentaw ammont pendenti dovut in konnessjoni mal-kontijiet indikati bin-numri AC40080551, AC50647160, AC51089483 u AC40229649;

iii. Bejn il-partijiet saru diversi tentattivi ta' ftehim bonarju madanakollu dan ma sehhx peress li ma setax jintlahaq ftehim fuq l-ammont realment dovut. Kien ghalhekk li nhar il-11 ta' Ottubru, 2016 is-socjeta' appellata GO p.l.c intavolat kawza fejn talbet li s-socjeta' appellanta Dolphin Industrial Services Ltd tigi kkundannata thallas l-ammont indikat ta' disat elef, erbgha u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€9,034.82) bl-ispejjez u bl-imghax.

2. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti permezz tad-decizjoni taghha tal-4 ta' Ottubru, 2018 laqghet in parte t-talba tas-socjeta' appellata GO p.l.c ghall-hlas tal-kreditu fejn gie deciz kif isegwi:

*'5. **Konkluzjoni***

*Il-Qorti,*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,*

*Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewg partijiet*

*Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi*

*Tichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat salv kif ser tipprovdi aktar 'il isfel.*

*Tilq'a t-talba attrici limitatament kif gej,*

*Tiddikjara l-import tal-kont Nru 51089483 fl-ammont ta' €700.64 bhala preskritt abbazi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16,*

*Tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta' ntimata lis-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' sebat elef, tmien mija u tmien Euro u disa' centezmu (€7,808.09), u dana ghar-ragunijiet fuq deskritti.*

*Tikkundanna lis-socjeta' intimata Dolphin Industrial Services Limited thallas lis-socjeta' rikorrenti GO plc. is-somma ta' sebat elef, tmien mija u tmien Euro u disa' centezmu (€7,808.09).*

*Ghar-ragunijiet gia fuq imsemmija fil-punt 3.3, kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha. Imghax ghandu jiddekorri millum sad-data tal-pagament effettiv.'*

3. Illi s-socjeta' intimata Dolphin Industrial Services Limited (C 28232) hassitha aggravata b'din id-decizjoni u kien ghalhekk li ntavolat l-appell odjern nhar l-24 ta' Ottubru, 2018. Permezz tal-imsemmi appell hija ressqet zewg (2) aggravji b'dawn ikunu s-segwenti:

a. Is-socjeta' appellata kienet mankanti fil-provi taghha mressqa quddiem l-Ewwel Qorti;

b. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx l-eccezzjoni li l-ammont mitlub ma kienx fl-intier tieghu dovut mis-socjeta' intimata.

4. Da parti taghha s-socjeta' appellata GO p.l.c wiegbet ghal dan l-appell billi qalet li l-Qorti tal-Appell bhala Qorti ta' revizjoni, m'ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni wzata u l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Ewwel Qorti. Is-socjeta' appellata ttrattat dawn l-aggravji bil-mod segwenti:

a. Fir-rigward tal-ewwel aggravju hija kellha xi tghid is-segwenti:

    i. Tirrileva li donnu anke f'dan l-istadju ta' appell s-socjeta' appellanta mhux tikkontesta li s-socjeta' appellata pprovdiet is-servizz taghha u li ta' dawn is-servizzi ghadha trid tithallas. Ghalhekk jidher li huwa l-quantum li qieghed jigi kkuntestat.

Illi f'dan l-istadju sahansitra s-socjeta' appellanta mhux biss qieghda tikkontesta l-ammont ta' sebat elef tmien mija u tmien ewro u disa' centezmi (€7,808.09) (l-ammont li l-Ewwel Qorti llikwidat bhala dovut) izda qieghda wkoll tikkontesta li ngabu provi bizzejjed li jippruvaw l-ammont dovut.

Is-socjeta' appellata tishaq li dak li gie kwotat mis-socjeta' appellanta mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti jfisser li s-socjeta' appellata setghet resqet prova aktar semplici ta' dak li kien dovut. Is-socjeta' appellata fuq issottomettiet kif isegwi:

a) Is-socjeta' appellata tirrikonoxxi li hija prezentat sensiela ta' dokumenti (li whud minnhom gew prezentati bi zvista) madanakollu dawn ghandhom jigu kkunsidrati fil-kuntest tat-talba, c-cirkostanzi relattivi u l-eccezzjonijiet mressqa;

b) Is-socjeta' appellata ma taqbilx ma' dak ippronunzjat mill-Ewwel Onorabbli Qorti li s-socjeta' appellata ma kinitx kapaci tipproduci statement semplici. A kuntrarju Maria Galea Debono in rapprezentanza tas-socjeta' appellata GO p.l.c xehdet fid-dettal dwar l-akkonti u l-prospetti relattivi fejn fl-istess deposizzjoni esebiet statements sommarji.

b. Fir-rigward tat-tieni aggravju s-socjeta' appellata GO p.l.c tissottometti li kienet trasferiet ammont ta' kontijiet minn fuq isem id-diretturi kif ukoll minn fuq isem l-impjegati tal-kumpanija appellanti u nqalbu ghal fuq isem is-socjeta' appellanta u dan fuq struzzjonijiet taghha stess.

Is-socjeta' appellata taghmel referenza ghal '*comments form*' datat 18 ta' Lulju, 2008 esebit minn Marisa Galea Debono fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2017 fejn Eve Farrugia ffirmat fuq is-*subsciber names* relatati man-numri ndikati fuq il-kuntratt (li kienu tal-impjegati) sabiex jinqalbu fuq isem is-socjeta' appellanta.

L-istess jista' jinghad ghan-numri 79778775 u 79426660 li precedentement kienu numri tal-impjegati u entrambi gew maqluba fl-2008 ghal fuq isem is-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Limited.

L-istess ukoll il-kuntratti li jindikaw l-isem ta' Dolphin Forge Limited. Din is-socjeta' ma baqghetx topera u s-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Limited kienet assumiet in-numri kollha taghha. Finalment anke l-email ta' Dolphin Forge ifegg bhala '*contact e-mail address*' fuq kuntratti li saru bejn is-socjeta' appellanti u s-socjeta' appellata.

Is-socjeta' appellata tissottometti wkoll li huwa rroniku kif is-socjeta' appellata fl-2012 (ara Dok. MGD5) accettat li thallas u fil-fatt halset pagamenti mensili ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) biex taqta' d-debitu u fl-istess hin qieghda tichad li certu ammonti relatati ma' servizzi huma dovuti minnha. Dan anke kunsidrat li l-istess socjeta' appellanta qieghda tishaq li hallset l-ammont ta' hames mija sitta u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€526.90) fit-22 ta' Jannar, 2014, liema ammont l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset mill-ammont originarjament dovut lis-socjeta' appellata.

Tissottometti ulterjorment li l-pozizzjoni tas-socjeta' appellanta dejjem kienet cara u cioe' li l-ammont dovut kien dak ta' erbat elef erbgha u tmenin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€4,084.82) u dana allegatament l-ghaliex is-socjeta' appellata kienet tat *credit note*.

5. Is-socjeta' appellata GO p.l.c ukoll flimkien mar-risposta ssottomettiet appell incidentali fejn permezz tieghu hija ressqet tliet (3) aggravji b'dawn ikunu s-segwenti:

a. Difett fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata – dan limitament fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

b. Rinunzja tal-preskrizzjoni mis-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Ltd; u

c. L-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Ltd.

6. Is-socjeta' appellanta nhar il-21 ta' Marzu, 2019 intavolat ir-risposta taghha ghall-appell incidentali fejn ghamlet is-segwenti sottomissjonijiet:

a. Il-Qorti mhix obbligata li tinkludi r-ragunamenti u argumenti kollha migjuba mill-partijiet. Jigu kkwotati zewg sentenzi relatati mal-motivazzjoni tas-sentenzi;

b. L-eccezzjoni li s-socjeta' appellanta qatt ma kellha oggezzjoni li thallas dak dovut minnha ma tammontax ghal rinunzja tal-preskrizzjoni. M'hemm xejn x'jindika li s-socjeta' konvenuta kienet accettat li thallas l-ammont shih u ghalhekk ghal rinunzja tal-preskrizzjoni;

c. Is-socjeta' appellata ma kinitx kapaci tipproduci statement semplici u li ma kienx ghax-xhieda ta' Maria Bonnici (qabel kienet Mifsud), il-Qorti ma kinitx tkun tista' tiddecifra l-ammonti dovuti.

7. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat:**

**L-Ewwel aggravju**

8. F'dan l-ewwel aggravju, is-socjeta' appellanta Dolphin Industrial Services Limited tibda billi tghid li s-socjeta' appellata kienet mankanti fil-provi taghha. Sabiex issahhah l-argument taghha, is-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited tikkwota mis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn iddikjarat is-segwenti:

> *'Jirrizulta illi, tul il-proceduri odjerni, s-socjeta rikorrenti ma kienetx kapaci tipproduci statement semplici ta' kemm attwalment kien dovut, u minflok ipprezentat faxxikolu shih ta' dokumentazzjoni illi, aktar tard, gie minnha nnutat illi kellu varji dokumentazzjoni illi kienu rrilevanti ghall-proceduri odjerni – dana n-nuqqas ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.'*

9. Din il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzjoni tas-socjeta' appellanta, li l-Ewwel Qorti bil-kliem suespost osservat nuqqas fil-provi mressqa mis-socjeta' attrici. Jirrizulta li l-kritika tal-Ewwel Qorti ma kinitx fir-rigward ta' mankanza ta' provi pero' fir-rigward ta' nuqqas ta' semplici rendikont (statement) – difatti fl-istess paragrafu l-Ewwel Qorti tkompli tindika li gew prezentati '*faxxikolu shih ta' dokumentazzjoni*'. Din il-frazi tmur kontra dak sottomess mis-socjeta' appellanta fl-Ewwel aggravju taghha. L-Ewwel Onorabbli Qorti ghalhekk semplicement ikkumentat li flok hafna dokumentazzjoni, GO p.l.c. setghet mill-Ewwel ipprezentat 'rendikont' u kien jigi frankat hafna hin fl-gharbil tal-hafna dokumenti esebiti.

10. Illi jirrizulta li fil-mori tal-kawza xehdet Marisa Galea Debono – credit control manager fi hdan il-GO p.l.c (a fol. 34 sa fol. 39 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti). Waqt ix-xhieda taghha hija spjegat u pprezentat numru ta' dokumenti (a fol. 40 sa fol. 62 tal-

process quddiem l-Ewwel Qorti) in sostenn tat-talba, konsistenti (1) fil-lista ta' kontijiet (accounts) u s-servizzi li kien fihom, (2) skambju ta' emails u (3) r-rendikonti kollha relatati mal-kontijiet bin-numri: AC 40080551, AC 50647160, AC 51089483 u AC 40229649.

Issa mir-rendikonti esebiti minn Marisa Galea Debono jirrizulta s-segwenti:

i) Rendikont tal-kont numru 40080551 (a fol. 56 sa fol. 60 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti u mmarkat bhala Dok MGD 8) – Total tal-bilanc dovut huwa dak ta' €2811.36.

L-ahhar li thallas parti minn dan il-kont kien fl-4 ta' Dicembru, 2013 fl-ammont ta' €338.64.

ii) Rendikont tal-kont numru 50647160 (a fol. 53 sa fol. 55 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti u mmarkat bhala Dok MGD 7) – Total tal-bilanc dovut huwa dak ta' €4250.

L-ahhar li thallas parti minn dan il-kont kien fl-4 ta' Dicembru, 2013 fl-ammont ta' €203.83.

iii) Rendikont tal-kont numru 51089483 (a fol. 51 sa fol. 52 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti u mmarkat bhala Dok MGD 6) – Total tal-bilanc dovut huwa dak ta' €700.64.

L-ahhar li thallas parti minn dan il-kont kien fl-4 ta' Mejju, 2011 fl-ammont ta' €147.44.

iv) Rendikont tal-kont numru 40229649 (a fol. 61 sa fol. 62 tal-process u mmarkat bhala Dok MGD 9) – total tal-bilanc dovut huwa dak ta' €1272.82.

L-ahhar li thallas xi haga minn dan il-kont kien fil-25 ta' Settembru, 2013 fl-ammont ta' €146.07.

Din il-Qorti bhall-Ewwel Onorabbli Qorti tqis li d-dokumenti esebiti bil-gurament minn Marisa Galea Debono jikkonsistu fi prova sufficjenti tad-debiti dovuti mis-socjeta' appellanta.

Ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dan l-ewwel aggravju.

**It-Tieni aggravju**

11. Is-socjeta' appellanta tishaq f'dan l-aggravju li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx l-eccezzjoni li l-ammont dovut ma kienx kollu dovut minnha. Is-socjeta' appellanta taghmel referenza ghan-nota prezentata nhar it-22 ta' Novembru, 2017 li permezz taghha skont is-socjeta' kienu gewipprezentati numru ta' dokumenti rrilevanti.

Is-socjeta' appellanta tibbaza l-argument taghha billi tghid li anke fil-korrispondenza li kienet ghaddejja bejn il-partijiet bl-uzu tal-email (a fol. 275 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) kienet saret referenza saret minn wiehed certu Patrick Curmi ghal socjeta' ohra DIS li kienet socjeta' diversa mis-socjeta' intimata. Skont is-socjeta' appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti njorat dan il-fatt.

12. Dwar dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti dokumenti u provi fl-atti li kollha jevidenzjaw, jallacjaw u jwasslu l-kontijiet u s-servizzi in kwistjoni mas-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Limited:

i) *Credit agreement* datat 17 ta' Lulju, 2010 (a fol. 99 *et seq* tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) fejn Eve Farrugia (wahda mid-diretturi u li hija vestita bir-rapprezentanza tas-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited) iffirmat ftehim a nom tas-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited mas-socjeta' GO p.l.c fejn inghatat kreditu fuq in-numri 79426660; 79436665; 79778770; 79778771; 79778773; 79778775; 79778776; 79347784; 79778744; 79778755;

79778774; 79313121. Bhala 'Name of Group Agreement' giet indikata Dolphin Industrial Services Limited.

ii) *Credit agreement* datat 17 ta' Lulju, 2008 (a fol. 103 *et seq* tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) fejn l-istess Eve Farrugia ffirmat ghan-nom tas-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited fejn kienet inghatat kreditu fuq uhud minn numri gia elenkati fil-paragrafu i) b'zieda ma' dawk in-numru 99486168.

iii) *Subscription order form* datata 15 ta' Jannar, 2009 (a fol. 126 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) li fuqha hemm indikat bhala telephone: 23607000 u Fax: 21664735 tas-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited.

Minn harsa lejn il-lista ta' *accounts* u s-servizzi li kien fihom (a fol. 40 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) dawn iz-zewg numri huma elenkati taht il-kont 40229649.

iv) *Subscription order form* datata 14 ta' Marzu, 2007 (a fol. 142 tal-process) li fuqha hemm indikat bhala telephone: 21242819 u Fax: 21233742 tas-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited.

Minn harsa lejn il-lista ta' *accounts* u s-servizzi li kien fihom (a fol. 41 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) dawn iz-zewg numri huma elenkati taht il-kont 40080551.

v) *Request for connection change* datata 14 ta' Mejju, 2008 (a fol. 159 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) fejn bhala isem hemm indikat Andrei Previ u bhala numru hemm indikat 79015253.

Jigi nnutat li bhala 'Comments – Reason for migration' gie ndikat is-segwenti: '*This is an addendum to contract no 722152 dated 25.10.07. Client's employer will now be covering bills.*'

Sussegwentement fl-14 ta' Mejju, 2008 (a fol. 161 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) in-numru gie ndikat fuq isem il-kumpanija appellant Dolphin Industrial Services Limited u ghal dan il-ghan ukoll Eve Farrugia – direttrici tal-istess socjeta' Dolphin Industrial Services Limited.

Fid-dokument 'Subscription Order Form' (a fol. 146 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti), bhala *subscriber name* hemm indikat Andrei Previ u bhala *Client/Company* hemm indikat isem is-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Limited.

Minn harsa lejn il-lista ta' *accounts* u s-servizzi li kien fihom (a fol. 44 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) dan in-numru 79015253 huwa elenkat taht il-kont 50647160.

vi) L-istess jista' jinghad ghal *subscription order form* datata 15 ta' April, 2008 fejn bhala *subscriber name* hemm indikat Louis Farrugia li pero' bhala *client/company* hemm indikat Dolphin Industrial Services Limited. Bhala *customer name* hemm il-firma ta' Eve Farrugia.

In-numru 79436665 fl-istess formula, jinsab ukoll indikat fil-lista ta' l-account 50647160 bhala wiehed mis-servizzi nkluz f'dak l-kont (a fol. 43 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti).

vii) L-istess hemm fuq *subscription order forms* ohra a fol. 145 li tindika bhala *subscriber name* lil Louis Farrugia u bhala *Client/Company* hemm indikat isem is-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Limited, a fol. 147 li tindika bhala *subscriber name* lil Stefan Micallef u bhala *Client/Company* hemm indikat isem is-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Limited, a fol. 148 li tindika bhala *subscriber name* lil Steve Mihalic u bhala *Client/Company* hemm indikat isem is-socjeta' appellanti Dolphin Industrial Services Limited, a fol. 149 li tindika bhala *subscriber name* lil Daniel Farrugia u bhala *Client/Company* hemm indikat isem is-

socjeta′ appellanti Dolphin Industrial Services Limited, a fol. 151 li tindika bhala *subscriber name* lil Eve Farrugia u bhala *Client/Company* hemm indikat isem is-socjeta′ appellanti Dolphin Industrial Services Limited u a fol. 152 li tindika bhala *subscriber name* lil PABX u bhala *Client/Company* hemm indikat isem is-socjeta′ appellanti Dolphin Industrial Services Limited.

Din il-Qorti ma tqisx li hemm il-bzonn li tibqa′ tinoltra ruhha telenka provi ulterjuri. Minn dak suespost il-Qorti tqis li tressqu bizzejjed provi sal-grad rikjest mil-ligi li l-kontijiet u l-ammonti ndikati huma dovuti minn Dolphin Industrial Services Limited.

Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll dan it-tieni aggravju tas-socjeta′ appellanta.

**L-Appell Incidentali**

**L-Ewwel aggravju u t-Tieni aggravju**

13. Is-socjeta′ appellata GO p.l.c. ipprevalixxiet ruhha mill-appell tas-socjeta′ konvenuta u resqet appell incidentali minn l-istess sentenza.

L-Ewwel u t-tieni aggravji ser jigu trattati flimkien u dan stante li filwaqt li fl-ewwel aggravju taghha s-socjeta′ appellata tilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli timmotiva d-decizjoni taghha u ma kkunsidratx ir-rinunzja b′referenza ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fit-tieni aggravju taghha s-socjeta′ appellata tilmenta li l-Ewwel Qorti kellha tapplika r-rinunzja tal-preskrizzjoni.

14. Illi ghal dak li jikkoncerna l-aggravju dwar difett fil-motivazzjoni tad-decizjoni, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **Joseph Debono -vs- Phonic Systems Limited** tad-19 ta′ Mejju, 2004 ddikjarat kif isegwi:

*'Konsiderat il-punt mill-aspett tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata, din il-Qorti ssib li l-gudizzju jipprovdi s-sodisfazzjoni minimu tar-raguni li wasslet lill-arbitru ghad-decizjoni tieghu. Anke jekk mhux elaborata din il-motivazzjoni kienet tibbasta biex tissodisfa r-regola bazika tal-gustizzja naturali. Dan ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, giet fornita r-raguni l-ghala t-Tribunal qed jilqa' t-talba tal-appellat. Wiehed jista' ma jikkondividix din ir-raguni imma dan ma jfissirx illi l-element ta' motivazzjoni bazika li s-socjeta' appellanti kellha dritt ghaliha ma nghatax.'*

Issir ukoll referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Kenneth Cefai -vs- Louise Cefai** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru, 2011 fejn inghad:

*'Anke jekk b'mod konciz, is-sentenza tikkontjeni l-aspetti l-aktar essenzjali tal-kontroversja b'mod li kemm mill-esposizzjoni tal-fatti, kif ukoll mill-parti motivata taghha, huma individwati sew dawk l-elementi ta' fatt li gew mill-Ewwel Qorti konsiderati. F'dan is-sens is-sentenza ottemperat ruhha sew mill-osservanza ta' dik il-forma stabbilita mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fl-Artikolu 218 tieghu. Jinghad a propozitu mill-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** f'bosta decizjonijiet taghha riferibilment ghall-artikolu 132 tal-Kodici ta' Procedura ta' dak il-pajjiz dwar il-kontenut tas-sentenza illi "l'esposizione, in sentenza, dei fatti di causa non si deve necessariamente tradurre nella riproduzione completa ed analitica dello svolgimento del processo ed in una particolareggiata narrazione delle deduzioni delle parti, essendo sufficiente che essa riassuma concisamente il contenuto sostanziale della controversia con l'indicazione, che puo risultare tanto dall'esposizione del fatto che dalla parte motiva, degli elementi rilevanti per la decisione" (**2001 Numru 5146**, **2000 Numru 13292** u **1981 Numru 1673**)'*

15. Ghall-kjarezza, din il-Qorti sejra tikkwota mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn immotivat ir-rinunzja tal-preskrizzjoni. Inghad mill-Ewwel Qorti:

*'3. Jirrizulta ben ippruvat illi hemm ness legali bejn is-socjeta' rikorrenti u dik intimata, tant illi gew ipprezentati kuntratti varji ghas-servizzi meritu tal-kawza odjerna, u ghalhekk tali eccezzjoni ma tirrizultax.*

*4. Jirrizulta illi l-ahhar pagamenti ghall-kontijiet varji saru kif gej:*

*- Kont 40229649 - pagament ta' €498.93 fid 19 ta' Ottubru 2014 (fol 5)*

*- Kont 50647160 - pagament ta' €596.17 u €203.83 [total ta' €800] fl-4 ta' Dicembru 2013 (fol 17)*

*- Kont 51089483 - pagament ta' €322.55 fl 4 ta' Mejju 2011 (fol 19)*

*- Kont 40080551 - pagament ta' €338.64 fl 4 ta' Dicembru 2013 (fol 14)*

*5. Jirrizulta illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fil-11 ta' Ottubru 2016 u ma giet ippresentata ebda dokumentazzjoni dwar xi Att Gudizzjarju illi seta sar qabel il-ftuh tal-proceduri odjerni.*

*6. Jirrizulta illi s-socjeta' intimata qatt ma accettat l-ammont pretiz u dejjem ikkontestat il-bilanc u ghalhekk qatt ma kien hemm rikonxximent ta' xi wiehed mill-kontijiet bhala dovut in intjier.*

*7. Jirrizulta illi s-socjeta' intimata qajjmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-Artikolu 2156 (f), bir-rizultat illi kwalsiasi kont mhux imhallas in parte u/jew rikonoxxjut mis-socjeta' rikorrenti qabel il-11 ta' Ottubru 2011 ghandu jitqies bhala preskritt.*

*8. Jirrizulta illi, abbazi ta' tali fatt, l-uniku kont illi huwa kolpit mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni huwa l-bilanc tal-Kont Nru 51089483, illi huwa ta' €700.64 (fol 20), fejn jidher illi l-ahhar pagament sar fl-4 ta' Mejju 2011, u ghalhekk dana l-bilanc ma ghadux dovut.'*

16. Din il-Qorti tinnota li s-socjeta' appellata GO p.l.c ghazlet li tikkwota biss tliet (3) paragrafi minn dawn appena citati fil-punt 17. Wara qari ta' dawn il-paragrafi, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-appell incidentali li hemm difett fil-motivazzjoni tad-decizjoni. L-Ewwel Qorti trattat mhux biss il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien u cioe' dak ta' hames (5) snin a tenur tal-Artikolu 2156 (f), izda trattat ukoll ir-rinunzja tal-preskrizzjoni specifikatament fil-paragrafi sussegwenti. Il-fatt li s-socjeta' appellata ma qablitx mal-motivazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti ma jfissirx li hemm difett fil-motivazzjoni.

17. Illi l-ligi titkellem dwar kawzi li jiksru l-preskrizzjoni mill-Artikolu 2127 sa l-Artikolu 2136 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikoli l-aktar rilevanti ghall-kaz taghna huma l-Artikolu 2128 u l-Artikolu 2133 fejn jaqraw kif isegwi:

Artikolu 2128: *'Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b'kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom.'*

Artikolu 2133: *'Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.'*

18. Illi dwar l-Artikolu 2128 minn imkien mill-atti ma jirrizulta li gie pprezentat att gudizzjarju mill-kreditur GO p.l.c fil-konfront tas-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited u dan irrikonoxxietu

wkoll l-Ewwel Onorabbli Qorti. Ghalhekk f'dan ir-rigward ma jirrizultax li kien hemm prova ta' ksur tal-preskrizzjoni.

Illi dwar l-Artikolu 2133 referenza ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet **Austin Psaila -vs- Lother Slabick** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar id-9 ta' Frar, 2005 fejn gie ritenut li:

> *'Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita' jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts;*
>
> *Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghall-fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*
>
> *Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit- Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (Kollez. Vol. XXX P I p 989). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723).'*

19. Is-socjeta' appellata GO p.l.c telenka *inter alia* zewg istanzi fejn skont hi kien hemm ir-rinunzja tal-preskrizzjoni. Dawn iz-zewg istanzi entrambi jinsabu fir-risposta (a fol. 27 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) fejn s-socjeta' appellata ddikjarat:

> *'Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, dina l-kawza hija ntempestiva stante li kienu ghaddejjin negozjati bejn il-partijiet.* ***L-esponenti qatt ma kellha oggezzjoni li thallas dak dovut minnha****. Wiehed jippretendi li talinqas kellha tigi ntavolata ittra ufficjali f'dan is-sens qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna sabiex l-intimata tigi avzata li sejrin jittiehdu proceduri gudizzjarji; u*
>
> *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess,* ***fil-passat ricenti s-socjeta attrici kienet tat offerta lis-socjeta intimata*** *liema offerta giet milqugha mill-istess socjeta' intimata izda ghal xi raguni meta kien sejjer isir il-hlas is-socjeta' attrici regghet lura mill-kelma taghha u nsistiet li jithallas l-ammont fl-intier tieghu.'*

Illi jibda billi jinghad li dawn iz-zewg eccezzjonijiet inghataw bla pregudizzju ghall-eccezzjoni moghtija li t-talba attrici hija nfondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Sabiex tissussisti r-rinunzja tal-preskrizzjoni jridu jikkoezistu l-volontarjetà, il-konsapevolezza, u l-inekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat. Il-Qorti f'dan ir-rigward rat ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti u ma sabitx prova sal-grad rikjest mil-ligi li s-socjeta' appellanta rrinunzjat ghall-preskrizzjoni almenu ghall-uniku kont li dwar l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet li kien preskritt.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti ma tqisx li l-ewwel zewg aggravji da parti tas-socjeta' appellata huma gjustifikati u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**It-Tielet aggravju**

20. Illi dan l-aggravju jinvolvi l-kwistjoni tal-ispejjez u dana stante

li l-Ewwel Qorti allokat l-ispejjez inkwantu kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

Is-socjeta' Go plc. taghmel referenza ghall-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod specjali ghas-sub-artikoli (1) u (3) fejn jinghad li:

> *(1) Kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez.*
>
> *(3) Fil-kazijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwistjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra.*

Illi l-Qorti tal-ewwel grad iddikjarat li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha peress li fl-opinjoni taghha:

*'…is-socjeta' rikorrenti ma kinetx kapaci tipproduci statement semplici ta' kemm attwalment kien dovut, u minflok pprezentat faxxikolu shih ta' dokumentazzjoni illi, aktar tard, gie minnha nnutat illi kellu varji dokumentazzjoni illi kienu rrilevanti ghall-proceduri odjerni – dana n-nuqqas ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.'*

21. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li s-socjeta' appellata GO p.l.c ipprezentat numru ta' dokumenti nutili, madanakollu ma taqbilx mal-parti fejn gie ddikjarat li s-socjeta' GO p.l.c ma pprezentatx *statement* semplici ta' kemm attwalment kien dovut. Din il-Qorti taghmel referenza ghad-depozizzjoni ta' Marisa Galea Debono – *credit control manager* fi hdan il-GO p.l.c (a fol. 34 sa fol. 39 tal-process quddiem l-Ewwel Qorti) fejn hija xehdet u spjegat fid-dettal ir-rendikonti esebita minnha stess. Minn dawn ir-rendikonti u l-ispjegazzjoni moghtija minn Marisa Galea Debono din il-Qorti waslet b'mod semplici ghas-somma mitluba fir-rikors promotur tal-11 ta' Ottubru, 2016 u cioe' dik ta' disat elef erbgha u tletin ewro u tnejn u tmenin centezmu (€9,034.82).

Jigi rilevat li minn din is-somma reklamata mis-socjeta' GO p.l.c, l-Ewwel Qorti naqqset l-ammont li gie ddikjarat preskritt kif ukoll ammont li s-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited iddikjarat li hallset li pero' ma tnaqqasx mis-socjeta' GO p.l.c (a fol. 249 tal-process immarkat bhala Dok MB4 gie esebit *transaction details* datat 22 ta' Jannar, 2014 fejn jirrizulta li gew elevati l-ammont ta' €526.09). Din il-Qorti mhux ser tidhol fil-meritu ta' dan l-ammont stante li l-ebda aggravju ma gie ssollevat fuqhom. Ma tqisx izda li l-fatt li l-GO plc. esebiet numru ta' dokumenti li rrizultaw inutli u mhux bzonnjuzi ghall-kaz odjern ghandu jwassal ghal sanzjoni tant estrema li s-socjeta' rikorrenti tigi ordnata thallas l-ispejjez kollha taghha tal-proceduri w'dan anki ghaliex finalment rrizulta li l-maggor parti tas-somma rikjesta fl-Avviz fil-fatt irrizultat dovuta mis-socjeta' intimata.

Fid-dawl ta' dak hawn fuq espost din il-Qorti sejra sabiex tilqa' dan l-aggravju u talloka l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi fil-konfront tas-socjeta' appellanta ntimata Dolphin Industrial Services Limited.

**<u>Decizjoni</u>**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi tichad l-ewwel u t-tieni aggravju tas-socjeta' appellanta fl-appell promotur b'dana li qed tichad l-appell fl-intier tieghu, tichad l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appell incidentali filwaqt li tilqa' t-tielet aggravju kontenut fl-appell incidentali w'ghalhekk tghaddi sabiex parzjalment tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-4 ta' Ottubru, 2018 fl-ismijiet premessi billi tirrevoka dik il-parti fejn gie ddikjarat illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha filwaqt li tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' Dolphin Industrial Services Limited (C 28232) u**

**tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kumplament.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**